MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1019/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**Godwin Galea**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat il-11 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` r-rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi b'kuntratt datat is-7 t'Ottubru, 2003, u bi skrittura privata datata l-24 ta' Lulju, tal-istess sena hemm esebiti, (ara fol 5 *et sequitur* u fol 17 *et sequitur* rispettivament), is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat fuq indikat;

2. Illi allura l-istess socjeta` hi kreditrici tal-intimat *de quo* fis-somma ta' disgha u tmenin elf, seba' mija u disghin Ewro u zewg centezmi, (€89,790.02), bilanc ghad-debitu naxxenti minn self moghti lill-intimat mis-socjeta` rikorrenti flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta' Settembru, 2012;

3. Illi tenut kont tal-kuntratt u skrittura fuq riferiti jirrizulta li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet hawn imsemmija billi l-intimat:

i. Naqas li jhallas il-pagamenti rateali minnu dovuti skont l-istess obbligi minnu assunti;

ii. Naqas f'obbligi ohra minnu hemm assunti;

iii. Ipperikola jew affettwa hazin il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu minnu dovut lis-socjeta` rikorrenti billi kkaguna bidliet materjali fic-cirkostanzi tieghu;

4. Illi ghalkemm debitament interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut, baqa' inadempjenti u konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna biex din il-qorti:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq riferiti li pperikolaw il-possibilita` ta' hlas lura tal-imsemmi debitu lis-socjeta` rikorrenti;

ii. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont fuq gia` riferit, bilanc minn somma akbar ghad-debitu ta' self lilu minnha moghti, *oltre* l-imghax mit-18 ta' Settembru, 2012;

iii. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-notifika pozittiva tal-intimat Galea, (ara fol 44 u 45);

Rat il-verbal datat is-6 ta' Marzu, 2013, fejn jirrizulta li *nonostante* d-debita notifika tal-intimat, dan baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhud prodott;

Semghet lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi mill-assjem fuq indikat jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat is-7 t'Ottubru, 2003, (ara fol 5 *et sequitur*), u tal-iskrittura privata ffirmata mill-intimat u mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, (ara fol 20), datata l-24 ta' Lulju, 2003, l-istess intimat issellef l-ammonti hemm indikati u dan, bil-kondizzjonijiet hemm pattwiti;

2. Illi *nonostante* s-suespost, jirrizulta li l-intimat ottempora ruhu biss ma pagament mensili wiehed u wara li effettwa dan, ghazel li jiddesisti milli jkompli jattwa l-obbligi ta' pagament mensili minnu liberament assunt;

3. Illi *nonostante* li nterpellat skont il-ligi biex jeffettwa l-pagamenti minnu dovuti lis-socjeta` rikorrenti, ghazel li ma jaghmel xejn minn dan;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq riferiti li

pperikolaw il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu fuq riferit dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat Godwin Galea biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. is-somma ta' disgha u tmenin elf, seba' mija u disghin Ewro u zewg centezmi, (€89,790.01), bilanc minn somma akbar minnu dovuta f'self;

3. Bl-ispejjez komprizi ta' l-ittra ufficcjali datata t-13 t'April, 2011, kontra l-imsemmi ntimat u bl-imghaxijiet dovuti mit-18 ta' Settembru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------